MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 731/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Angela BROWN [ID Nru. 54277(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-29 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf tlett mija wiehed u erbghin euro u sitta u disghin ċenteżmi ta' euro [€1,341.96c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlett mija wiehed u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1341.96) in konnessjoni ma' 79000277 (AC40167055), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Jannar 2011.

Illi s-somma ta’ elf tlett mija wiehed u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1341.96) fuq indikata hija komposta minn elf mija u tnax-il ewro u sitta u disghin centezmu (€1112.96) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma mitejn u disgha u ghoxrin ewro (€229) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1213/12”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta’ April, 2013, nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf tlett mija wiehed u erbghin euro u sitta u disghin ċenteżmi ta’ euro [€1,341.96c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------